MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 89/2002/1

Emanuel Scerri
vs
Richard Gauci

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur li permezz taghha ippremetta:

Illi l-attur talab il-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 100/02 fil-konfront tal-konvenut biex dan jigi inibit milli jidhol fil-fond 490 Kimberly, Triq Monsinjur Azzopardi, Siggiewi, jew li jiddisponi minnu u dan ghar-raguni li ghalkemm skond it-testment ta’ Anthony Nicholas Borg, ziju ta’ l-attur, tat-23 ta’ Awissu 2001, atti Nutar Dottor Antoine Agius il-konvenut jidher bhala l-eredi hekk nominat, in effetti dan it-testment kien null u bla effett billi l-firma fuqu ta’ l-imsemmi testatur kienet falza.

Illi l-falsita` tal-firma giet stabbilita minn zewg esperti kif manifest fid-dokumenti ezebiti mar-rikors ghall-hrug tal-mandat *de quo* u dak l-iehor antecedenti ghalih Numru 3420/01;

Illi bid-digriet taghha tal-24 ta' Jannar 2002 il-Qorti ma laqghatx it-talba attrici u dan wara li affermat "illi r-rikorrenti ma rnexxielux jipprova "*prima facie*" li huwa ghandu l-jeddijiet li qed jipprova jikkawtela;

Illi kontrarjament ghal dak ritenut mill-Qorti bil-precitat digriet, hekk nieqes minn motivazzjoni, l-attur iddimostra li ghandu jeddijiet x'jigu mharsa in kwantu, fil-kaz ta' success fl-impunjattiva tat-testment surreferit, huwa wiehed mill-eredi ta' zijuh b'testment iehor precedenti, ukoll esebit mal-atti tal-mandat;

Illi wkoll l-attur wera li jekk it-talba tieghu ghall-hrug tal-mandat imsemmi ma tigix akkolta biex jigu mharsa l-jeddijiet tieghu huwa kien jigi serjament pregudikat.

Illi fuq bazi purament *prima facie* l-Qorti kellha tkun altru minn soddisfatta li l-attur kellu jeddijiet x'jigu kawtelati;

L-attur talab lill-Qorti:

1) tirrevoka '*contrario imperio*' d-digriet profferit mill-Qorti fl-24 ta' Jannar 2002; u

2) konsegwentement tilqa' t-talba attrici ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 100/02 biex hekk jitharsu l-jeddijiet ta' l-attur.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 100/02 fil-konfront tal-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni konfermata bil-gurament minn Emanuel fejn semma:

1) L-attur huwa n-neputi ta’ Anthony Nicholas *sive* Nicola Borg li miet fl-14 ta’ Novembru 2001 u eredi potenzjali tieghu, flimkien ma’ ohrajn skond it-testment tat-18 ta’ Novembru 1987 atti Nutar Gerard Spiteri Maempel.

2) L-attur intavola rikors ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 100/02 fil-konfront tal-konvenut billi, ghalkemm dan thalla eredi beneficjarju tad-*decujus* fuq imsemmi skond testment tat-23 ta’ Awissu 2001, atti Nutar Antoine Agius, gie accertat minn zewg esperti kalligrafici li l-firma tat-testatur fuq dan l-ahhar testment kienet falza. Dan it-testment jidher li sar ftit granet biss qabel ma l-konvenut iddahhal il-Habs biex jiskonta piena karcerarja.

3) In effetti kontestwalment ma’ dan ir-rikors l-attur u ohrajn intavolaw citazzjoni biex jimpunjaw il-precitat testment bl-appozita azzjoni.

4) Illi bid-digriet taghha ta’ l-24 ta’ Jannar 2002 din il-Qorti cahdet it-talba tal-attur billi semplicement iddikjarat li l-attur ma rnexxielux jipprova ‘*prima facie*’ li huwa ghandu jeddijiet x’jikkawtela. Gja b’digriet iehor precedenti l-istess Qorti kienet cahdet talba ghall-hrug ta’ mandat konsimili Numru 3420/01.

5) Illi kontrarjament ghal dak hekk degretat l-attur irnexxielu jiddimostra li l-provi dokumentali fuq bazi anke mhux semplicement ‘*prima facie*’ kienu jibbastaw sabiex il-Qorti tkun soddisfatta illi l-hurg tal-mandat mitlub kien necessarju ghall-ahjar harsien tal-jeddijiet ta’ l-attur. Ghalhekk saret din il-kawza sabiex din il-Qorti joghgobha tirrevoka ‘*contrario imperio*’ d-digriet taghha ta’ l-24 ta’ Jannar 2002 u tghaddi biex tilqa’ t-talba ta’ l-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

**B. PROVI:**

Rat li kienet giet prezentata nota ta' eccezzjoni li in segwitu giet irtirata b'nota tad-19 ta' Dicembru, 2013 u ghaldaqstant il-konvenut Richard Gauci qabel li l-istess nota ta' eccezzjonijiet tigi sfilzata mill-atti processwali.

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Rigwardanti t-tieni talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni 100/02 biex hekk jitharsu l-jeddijiet ta' l-attur, il-Qorti kif presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet **Joe Cortis *nomine* vs Direttur tax-Xogholijiet *et*** (Cit. Nru. 1576/94FS), deciza fit-3 ta' April 2008 qalet:

"Jinghad li t-talba tal-attur ma kellhiex tkun ghall-konferma tal-mandat, ghax il-konferma tal-mandat terga' twassal biss ghar-rikonoxximent ta' dak li kien intalab li jigi dikjarat *"prima facie"* tar-rimedju temporanju kawtelatorju. Il-konferma ta' mandat ta' inibizzjoni ma tistax tifforma mertu ta' decide peress li l-Qorti fid-decizjoni taghha mhux tikkonferma, izda tiddecidi – Ara Prim'Awla fl-ismijiet **Joseph Tonna vs John Mamo** deciza 30/9/1987. L-attur kellu jitlob li jigi dikjarat li ghandu dan il-jedd, id-dritt sostantiv tieghu. L-attur jistitwixxi l-kawza biex jasserixxi l-jedd imsemmi fil-mandat. Fil-fatt fil-kaz in ezami ma hemm l-ebda talba mill-attur sabiex jigi dikjarat sid tal-art mertu tal-kawza; kien hemm biss l-allegazzjoni da parti tieghu li huwa proprjetarju tal-art in kwistjoni.

F'sentenza simili ghall-kaz odjern, gie ritenut fil-kawza **Adrian De Haan *noe* vs Dott. Tonio Farrugia *et noe*** Appell tal-5 ta' Ottubru 1998;

"Illi fil-kaz in ezami, il-Qorti tirrileva li l-attur naqas li jipproponi l-kawza fuq id-dritt li jrid u seta' jipprotegi wara li ottjena l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni. B'hekk, minflok talab li jigi dikjarat li ghandu dan il-jedd, id-dritt sostantiv tieghu, l-attur talab lill-Qorti biex testendi indefinittivament l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni – dritt procedurali. Dawn huma zewg drittijiet separati u dinstinti li mghandhomx jitfixklu bejniethom. Il-ligi ma tikkontemplax il-possibilita` ta' mandat kawtelatorju permanenti."

Ara wkoll **C. Aquilina vs F.X. Aquilina noe et ,** Appell deciz fis-27 ta' Novembru 1991 fejn inghad:

"id-dritt ta' kawtela - cjoe' id-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li jista' jigi kawtelat. Dawn huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed………Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m' huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat".

Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Catherine Terrence Sullivan vs Adrian Stivala et** [K.(J.F.)] deciza fis-17 ta' Marzu 1992 il-Qorti qalet li ma hemm ebda fondament legali li tintalab konferma tal-Mandat kawtelatorju stante li:
"il-ligi trid li mandati simili jigu msahhin u mwettqa b'citazzjoni, <u>li tkun allura allaccjata mal-pretensjoni tar-rikorrenti</u> u mhux ma' rikonferma ta' digriet gja` moghti fil-kaz tal-mandat jew mandati. Certament ghalhekk it-talba kif maghmula hija improponibbli ghax ma hijiex kontemplata mill-ligi".

Fl-istess sens is-sentenza fl-ismijiet **Connie mart Anthony Galea vs Joseph Gauci** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru, 1997 [li kkonfermat is-sentenza tal-PA (AJM) tal-4 ta' Ottubru 1993 li kienet qalet:
"tali talba attrici ma hijiex permessa fil-ligi taghna billi twassal ghall-inibizzjoni perpetwa tal-konvenut milli jaghmel dak imsemmi fil-mandat minghajr ma jigi stabbilit jekk l-attur ghandux il-jedd, li rrizulta prima facie pruvat fil-proceduri tal-mandat".

Gie ribadit fil-kaz **Saviour Borg vs Giljan Aquilina et** deciz amill-Prim' Awla Qorti Civili fit-12 ta' Frar 1988;
"Id-digriet li jammetti t-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, la huwa digriet definittiv u lanqas ma' jista' jigi kkunsidrat bhala digriet interlokutorju. Dak id-digriet la huwa definittiv u lanqas interlokutorju, izda jifforma parti biss mill-atti tal-mandat relattiv, u mhux mill-atti tal-kawza, u ezawrixxa ruhu bil-hrug tal-mandat."

Ara wkoll sentenzi fil-kawzi **George Giordmaina vs Kristinu Giordmaina** (P.A. (GV) 7 ta' Novembru 1995), **Simon Debono vs HSBC Bank Malta** (P.A. [RCP]); **Michael Axisa vs Grazio Patiniott** P.A. 21 ta' Marzu 1996; **Anthony Abdilla et vs Emaniel Deguara et [PA]**

(R.C.P.) 4 ta’ Marzu 1999; **Louis Cuschieri vs Dr. John C. Grech nomine** (P.A.)(G.V.) tad-9 ta’ Jannar 1997.

Ghalhekk hemm distinzjoni fundamentali bejn il-kuncett tal-kawtela ma’ dik ta’ garanzija tad-drittijiet. Wara l-kawtela tal-mandat ikun hemm bzonn li d-dritt tal-parti tigi msahha u mwettqa b’sentenza in segwitu ta’ citazzjoni. Din ghandha tkun marbuta mal-pretensjoni tal-attur u mhux rikonferma ta’ digriet gja moghti.

In vista ta’ dan enuncjat hawn fuq, il-Qorti ma tistax tilqa’ t-talba ghall-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 100/02 ghax din mhix kontemplata fil-ligi. L-azzjoni attrici kif proposta hija legalment insostenibbli *stante* li ma tistax issir talba ghal konferma perpetwa ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni izda l-attur kellu jressaq it-talba tieghu fuq il-mertu, cioe` talba ghat-tutela ta’ dritt sostantiv tieghu. U dan ghaliex kieku kellha tigi milqugha l-istess talba ma twassalx ghar-risoluzzjoni tal-jedd vantat mill-attur.

**D: KONKLUZJONIJIET:**

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta llum stess fl-ismijiet **Anthony Scerri *proprio et nomine et* vs Richard Gauci** (Citazz. Nru. 55/02FS) fejn it-talbiet f’dik il-kawza gew milqugha in vista ta’ tranzazzjoni milhuqa bejn il-partijiet u fuq talba taghhom biex jinghata effett ghat-tranzazzjoni minnhom milhuqa u n-nuqqas ta’ kontestazzjoni ta’ Richard Gauci ghat-talbiet ta’ l-atturi f’dik il-kawza.

Il-Qorti rat ukoll in-nota tad-19 ta’ Dicembru, 2013 fejn il-konvenut irtira n-nota ta’ eccezzjonijiet, kif ukoll il-verbal odjern.

In vista ta’ dan, l-ewwel talba ghar-revoka *contrario imperio* tad-digriet profferit minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta’ Jannar, 2002 qed tigi milqugha.

Riferibbilment ghat-tieni talba, minhabba dak li ntqal hawn fuq dwar mandat ta’ inibizzjoni li jigi milqugh b’mod permanenti, din it-talba ma tistax tigi milqugha.

A tenur tat-talba bejn il-partijiet, spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------